MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 195/2005

**Mirage Holdings Limited, (C 6808)**

**vs**

**Ronald Azzopardi (ID Nru. 700661M) u Mariella Azzopardi (ID Nru. 739262M)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ elfejn, u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm2,073.00), dovuti in kwantu ghas-somma ta’ elf, tmien mija u sebgha u disghin lira Maltin (Lm1897) dovuti bhala prezz ta’ merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta’ mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm176) dovuta mill-konvenuti lis-socjeta’ attrici bhala mghaxijiet legali fuq l-istess.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-18 ta’ Mejju, 2005, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------